

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Partijiet A, B, C, F, I u J tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jstabilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU 2019, L 319, p. 1).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Società agricola Vivai Maiorana Ss, Confederazione Italiana Agricoltori – CIA u MIVA – Moltiplicatori Italiani Viticoli Associati għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 129, 20.4.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2021 – LP vs Il-Parlament**

(Kawża T-519/20) (<sup>1</sup>)

(*“Servizz pubbliku – Assistenti Parlamentari Akkreditati – Rifjut ta’ ingaġġ – Kundizzjonijiet ta’ ingaġġ – Garanziji ta’ moralità – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dmir ta’ diliġenza”*)

(2021/C 471/64)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrent: LP (rappreżentanti: J. Bosquet u G. Op de Beeck, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. González Argüelles u J. Van Pottelberge, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-22 ta' Ottubru 2019 li tiċħad it-talba ta' ingaġġ tar-rikorrent.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) LP huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 348, 19.10.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021 – Kočner vs Europol**

(Kawża T-528/20) (<sup>1</sup>)

(*“Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Perizja mwettqa minn Europol għall-finijiet ta’ proċedura kriminali nazzjonali – Allegat żvelar mhux awtorizzat ta’ data – Regolament (UE) 2016/794 – Artikolu 50(1) – Dannu morali – Rabta kawżali”*)

(2021/C 471/65)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

**Partijiet**

Rikorrent: Marián Kočner (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentanti: M. Mandzák u M. Para, avukati)